Maltese Paediatric Association

# Il-Ligi ghall-Protezzjoni tal-Embrijun u r-Regolazzjoni tal-IVF f’Malta

Stqarrija għall-Istampa

L-Assoċjazzjoni tal-Ispeċjalisti tat-Tfal terġa’ tafferma l-ħtieġa ta’ regolazzjoni effettiva tan-numru ta’ embrijuni li legalment jistgħu jiġu trasferiti fil-ġuf tal-omm bl-għan li jitnaqqas ir-riskju għat-trabi li jitwieldu minn dan il-proċess. Infakkru li 90% ta’ triplets jitwieldu prematuri, u minħabba f’hekk dawn għandhom riskju għoli ta’ mewt u komplikazzjonijiet fil-moħħ li jwasslu għal diżabilità permanenti.

Filwaqt li jintużaw mezzi u stateġiji differenti, l-IVF hi regolata fil-pajjiżi Ewropew b’għan ewlieni li jitnaqqas ir-riskju għat-tfal marbut ma’ multiple pregnancy.

L-Ispeċjalisti tal-Ostetrija li jipprattikaw l-IVF għandhom jilqgħu protokoll msejjes fuq evidenza xjentifika biex jintlaħqu dawn iż-żewġ għanijiet, jiġifieri rata ta’ suċċess tajba, u l-ħarsien tal-ħajja umana mill-bidu u tat-tfal li jitwieldu minn dan il-proċess.

Għalhekk nappellaw lill-Membri Parlamentari biex jiżguraw li l-liġi tillimita għal massimu ta’ tnejn in-numru ta’ embrijuni li jistgħu jkunu trasferiti u li tiddefinixxi l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali, jew li tagħti s-setgħa lill-awtorità regolatorja biex tistabbilixxi u tinforza in-normi tal-aħjar prattika.

L-Assoċjazzjoni twissi li jekk ma tinkludix dawn il-providimenti, il-liġi ma tkunx qed tħares il-ħajja u s-saħħa tat-tfal.

Prof Thomas Attard
President
17 ta’ Novembru 2012

Dr Juanita Debattista
Segretarja
17 ta’ Novembru 2012